# Tagħrif dwar il-Coronavirus (COVID-19) u l-iskejjel – tagħrif għall-ġenituri u l-istudenti

Il-Gvernijiet kollha Awstraljani – federali, statali u territorjali – jifhmu l-importanza tal-edukazzjoni u huma impenjati li jissapportjaw it-tagħlim tal-istudenti matul il-pandemija tal-COVID-19.

Il-Gvernijiiet statali u territorjali u l-awtoritajiet tas-settur mhux governattiv huma responsabbli biex jimmaniġġjaw u jieħdu deċiżjonijiet operazzjonali għall-iskejjel tagħhom. Għal tagħrif dwar kif l-iskejjel fiż-żona tiegħek qed jirrispondu rigward il-COVID-19 jekk jogħġbok ikkuntattja lill-iskola tiegħek fl-ewwel istanza, u segwi l-parir mill-gvern tiegħek statali jew territorjali. Il-linkijiet tal-edukazzjoni tal-gvern statali u territorjali jidhru hawn taħt:

- Australian Capital Territory
- New South Wales
- Northern Territory
- Queensland
- South Australia
- Tasmania
- Victoria
- Western Australia

Il-Gvernijiet statali u territorjali qablu li dawk id-deċiżjonijiet dwar kif jirrispondu rigward għall-COVID-19 fl-iskejjel jridu jibqgħu jiġu infurmati mill-parir ibbażat fuq is-saħħa pubblika u tal-edukazzjoni tal-esperti, uffiċjali, nazzjonali u statali.

## Innaqqsu r-riskju potenzjali tat-tixrid tal-COVID-19 fl-iskejjel

**Fl-24 t'April 2020** il-Kumitat Ewlieni Awstraljan tal-Protezzjoni tas-Saħħa (Australian Health Protection Principal Committee (AHPPC) ħareġ health advice (parir dwar is-saħħa) rigward it-tnaqqis tar-riskju potenzjali tat-tixrid tal-COVID-19 fl-iskejjel. Din il-gwida u l-parir prattiku ġew ippreparati għall-kapijiet tal-iskejjel li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, mal-ġenituri, mal-għalliema u mal-istaff tas-sapport biex innaqqsu aktar ir-riskju relattivament baxx tat-tixrid tal-Coronavirus (COVID-19) fl-iskejjel matul il-pandemija tal-COVID-19.

Fil-qosor l-affarijiet li wieħed għandu jqies jinkludu:

- **Għall-ġenituri:** Jekk it-tifel/tifla huma morda, m'għandhomx jiġu l-iskola. Int trid iżżommhom id-dar u 'l bogħod minn oħrajn. Ftakar li għandek iżżomm id-distanzjar fiżiku minn ġenituri u għalliema oħra meta tattendi l-iskola, inkluż meta twassal jew tiġbor lil uliedek.
- **Għat-tfal:** għidu lill-ġenituri, lill-kuratur jew lill-għalliem tagħkom jekk qed tħossukom ma tifilħux
- **Għall-għalliema:** tidħlux xogħol jekk tħossukom ma tifilħux jew tinsabu f'kategorija tal-persuna vulnerabbli
- **Għall-adulti kollha:** l-akbar riskju ta' tixrid fl-ambjent tal-iskola hu bejn l-adulti. Hu importanti ħafna li l-għalliema u l-ġenituri jżommu distanzjar fiżiku bejniethom stess u minn xulxin fl-iskola.

## Iġjene

L-istudenti huma mfakkra biex:

- Taħslu idejkom ħafna drabi bis-sapun u l-ilma nkluż qabel u wara li tieklu u wara li tmorru t-tojlit.
- Tużaw sanitiżer tal-idejn.
- Tgħattu s-sogħla u xi għatsa b'dirgħajkom jew b'tissue (mhux f'idejkom)
- Poġġi t-tissues użati fil-landa taż-żibel minnufih u mbagħad aħslu idejkom
- Ippruvaw tmissux ħalqkom jew wiċċkom
- Iżżommux l-idejn, tiħdux b'id xi ħadd.
- Ippruvaw żommu aktar spazju minn normal bejnkom stess u bejn l-oħrajn
- Evitaw il-kju
- Itolbu l-għajnuna ta' xi ħaddieħor jekk qed tħossukom inkwetati.

## L-arranġamenti tas-sekondarja tal-livell ogħla u d-dħul fl-università

Fis-7 t'April tas-sena 2020, il-Ministri tal-Edukazzjoni statali u territorjali qablu li l-istudenti sekondarji ta' livell ogħla (studenti tas-sena 12) ser ikunu jistgħu jirċievu din is-sena ċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja ta' Livell Ogħla, u li dak iċ-ċertifikat ser jagħmel l-aċċess għall-università, l-edukazzjoni aktar avvanzata u l-impjieg aktar faċli.

## NAPLAN

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Ministri tal-Edukazzjoni iddeċidew li n-NAPLAN mhux ser isir fl-2020. In-NAPLAN kien skedat li jsir mit-12 sat-22 ta' Mejju 2020.

Id-deċiżjoni li ma jsirx in-NAPLAN fis-sena 2020 ittiħdet biex jgħin lill-kapijiet tal-iskola, lill-għalliema u lill-istaff li joffri sapport biex jikkonċentraw fuq il-benesseri tal-istudenti u l-kontinwità tal-edukazzjoni.

In-NAPLAN hu assessjar nazzjonali li jittestja l-kapaċità tal-istudenti fi tlett oqsma tal-litteriżmu-il-qari, il-kitba u l-konvenzjonijiet tal-lingwa (ortografija, grammatika u punteġġjatura)- u ħiliet fin-numri. L-iskejjel fl-istati u t-territorji kollha amministraw in-NAPLAN f'Mejju kull sena mis-sena 2008 'l hawn.